CCT/21/23/S

Carlos Meli u Theresa Zammit
vs
Q Partz Ltd

Illum 1 ta' Frar,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carlos Meli u Theresa Zammit ippreżentata fit-30 ta' Ġunju, 2023 filwaqt li s-soċjeta' intimata Q Partz Ltd għalkemm debitament notifikata baqgħat la ppreżentat risposta u lanqas deheret biex tikkontesta t-talba rikorrenti.

Ra d-dokumenti ippreżentati mir-rikorrenti u sema' lill-istess.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda *bonnet* mixtri mingħand is-soċjeta' intimata u li kellu diversi għefiesi u li għalkemm mitlub jgħati credit note, l-istess soċjeta' intimata irrifjutat u l-unika offerta tagħha kienet li jġib ieħor minfloku filwaqt li r-rikorrenti iħallsu €350 iktar.

Illi jingħad mill-ewwel li s-soċjeta' intimata naqset milli twieġeb għat-talba ta' Carlos Meli u Therese Zammit u lanqas deher xi rappreżentant tas-soċjeta' intimata għas-seduti li saru.

Illi it-Tribunal għandu quddiemu verżjoni waħda u cioe' dik ta' Carlos Meli u ta' Therese Zammit li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mis-soċjeta' intimata.

Illi it-Tribunal sema' wkoll ix-xhieda ta' Marika Cutajar rappreżentanta tal-Maltapost plc li kkonfermat illi l-inkartament ta' din il-kawża ġew re-directed fuq talba ta' certu Quelin Zammit li skont ir-rikorrenti huwa rappreżentant tal-istess soċjeta' intimata.

Illi dan it-Tribunal ihoss li n-nuqqas ta' dehera tal-istess soċjeta' intimata ma jfissix li dan it-Tribunal ma għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat.

Illi fil-fatt mil-provi imressqa it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti għanda tintlaqa' fl-intier taghha.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Carlos Meli u Therese Zammit u jordna lis-soċjeta' Q Partz Ltd tħallas lill-istess Carlos Meli u Therese Zammit is-somma ta' €750 bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mis-soċjeta' intimata Q Partz Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru